III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

INTERACTIO — MILL-BOGĦOD — IL-143 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 17.3.2021–19.3.2021

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

(2021/C 175/06)

Relatur:	Antje GROTHEER (DE/PSE), Viċi President tal-Parlament tal-Belt ta' Bremen
Dokumenti ta' referenza:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2020) 609 final) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] (COM(2020) 610 final) Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (COM(2020) 611 final) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (COM(2020) 612 final) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil (COM(2020) 613 final) Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" (COM(2020) 614 final) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u mezzi komplementari oħra (C(2020) 6467 final) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2020 dwar il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fir-rigward ta' operazzjonijiet imwettqa minn bastimenti li huma proprjetà ta' entitajiet privati jew imħaddma minnhom għall-fini ta' attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ (C(2020) 6468 final)

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet b'rabta mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji)

(C(2020) 6469 final)

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Gwida tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE dwar id-definizzjoni u l-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati

(C(2020) 6470 final)

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027

(COM(2020) 758 final)

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI**

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil]

Emenda 1

COM(2020) 610 final, Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Dawk il-persuni li huma aktar probabbli li jkollhom id-dritt li jibqgħu fl-Unjoni biss jenħtieġ li jiġu rilokati. Għalhekk, l-ambitu tar-rilokazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkun limitat għal dawk li mhumiex soġġetti għall-proċedura fil-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].	Dawk il-persuni li huma aktar probabbli li jkollhom id-dritt li jibqgħu fl-Unjoni biss jenħtieġ li jiġu rilokati. Għalhekk, l-ambitu tar-rilokazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkun limitat għal dawk li mhumiex soġġetti għall-proċedura fil-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil]. ***Il-Kummissjoni Ewropea għandha tfassal u taġġorna regolarment lista ta' pajjiżi sikuri għal proċeduri ta' ritorn possibbli.***

Raġuni

Sabiex dan il-kriterju jiġi applikat b'mod korrett, għandu jiġi previst li l-Kummissjoni tfassal u taġġorna regolarment lista ta' pajjiżi sikuri għal proċeduri ta' ritorn possibbli.

Emenda 2

COM(2020) 610 final, Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal applikanti għal protezzjoni sussidjarja *u* għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-applikanti u l-benefiċjarji kollha ta' protezzjoni internazzjonali, u konsistenza mal-acquis attwali tal-Unjoni dwar l-asil, b'mod partikolari mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika].	Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal applikanti għal protezzjoni sussidjarja, għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja ***u għall-applikanti u l-persuni li jibbenefikaw minn forom oħra ta' protezzjoni previsti mill-Istati Membri,*** sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-applikanti u l-benefiċjarji kollha ta' protezzjoni internazzjonali, u konsistenza mal-acquis attwali tal-Unjoni dwar l-asil, b'mod partikolari mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika].

Raġuni

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jeħtieġ li jiġi estiż sabiex ma japplikax biss għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u għall-persuni li jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali u sussidjarja, iżda wkoll għall-applikanti u għall-persuni li jibbenefikaw minn forom oħra ta' protezzjoni provduti mill-Istati Membri.

Emenda 3

COM(2020) 610 final, Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Id-definizzjoni ta' membru ta' familja f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi lill-aħwa tal-applikant. Ir-riunjoni tal-aħwa hija ta' importanza partikolari biex jitjiebu l-possibbiltajiet ta' integrazzjoni tal-applikanti u għalhekk jitnaqqsu l-movimenti mhux awtorizzati. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' membru ta' familja jenħtieġ li jirrifletti wkoll ir-realtà tax-xejriet migratorji attwali, skont liema l-applikanti ta' spiss jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodi twal fi tranżitu. Id-definizzjoni jenħtieġ li għalhekk tinkludi familji li ffurmaw barra mill-pajjiż tal-oriġini***, iżda*** qabel ***il-***wasla tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru. Dan it-twessigħ limitat u mmirat tal-ambitu tad-definizzjoni huwa mistenni li jnaqqas l-inċentiv għal xi movimenti mhux awtorizzati ta' dawk li jfittxu l-asil fl-UE.	Id-definizzjoni ta' membru ta' familja f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi lill-aħwa tal-applikant. Ir-riunjoni tal-aħwa hija ta' importanza partikolari biex jitjiebu l-possibbiltajiet ta' integrazzjoni tal-applikanti u għalhekk jitnaqqsu l-movimenti mhux awtorizzati. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' membru ta' familja jenħtieġ li jirrifletti wkoll ir-realtà tax-xejriet migratorji attwali, skont liema l-applikanti ta' spiss jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodi twal fi tranżitu. Id-definizzjoni għandha għalhekk tinkludi familji li ffurmaw barra mill-pajjiż tal-oriġini qabel ***u wara l-***wasla tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru. Dan it-twessigħ limitat u mmirat tal-ambitu tad-definizzjoni huwa mistenni li jnaqqas l-inċentiv għal xi movimenti mhux awtorizzati ta' dawk li jfittxu l-asil fl-UE.

Raġuni

Il-familji spiss jiġu ffurmati fl-Istati Membri ospitanti, għalhekk id-dritt għall-unità tal-familja għandu jiġi ggarantit meta sseħħ ir-riallokazzjoni irrispettivament miż-żmien u l-post fejn tiġi ffurmata l-familja F'każ kuntrarju, ikun hemm riskju ta' dispożizzjonijiet diskriminatorji.

Emenda 4

COM(2020) 610 final, Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni bħala miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni ***mhux akkumpanjati***, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.	Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni bħala miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni ***u nisa li jivvjaġġaw waħedhom***, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta'inċentiv ogħla.

Raġuni

Inċentiv finanzjarju ogħla għandu jkun disponibbli għat-tfal *kollha* (flimkien mal-ġenituri u l-aħwa tagħhom), u mhux biss għal rifuġjati minorenni mhux akkumpanjati. Dan għandu japplika wkoll għal nisa li jivvjaġġaw waħedhom. Skont bosta rapporti, in-nisa u l-bniet huma f'riskju għoli ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fiċ-ċentri ta'akkoljenza. L-iffullar żejjed f'xi whud mill-hotspots Griegi wassal għal żieda sinifikanti fir-riskju ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, speċjalment fil-konfront ta'nisa li jivvjaġġaw waħedhom, li ħafna drabi ma jiġux akkomodati b'mod separat. Skont il-Kummissjoni, huma b'mod partikolari n-nisa migranti u rifuġjati vulnerabbli, kif ukoll il-minorenni mhux akkumpanjati li huma wkoll f'riskju akbar li jiġu ttraffikati. Sabiex jiġu mminimizzati dawn ir-riskji, għandu għalhekk ikun hemm ukoll inċentivi finanzjarji ogħla għar-rilokazzjoni tan-nisa.

Emenda 5

COM(2020) 610 final, Artikolu 2(w)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
"pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta'tiftix u salvataġġ, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-asil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;	"pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ ***fil-livell lokali, reġjonali u/jew nazzjonali***, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru ***jew ir-reġjuni tiegħu*** u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-asil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;

Raġuni

Fil-każ ta' flussi migratorji li ma jaffettwax is-sistema nazzjonali kollha tal-asil u l-akkoljenza, xorta jista' jkun hemm reġjuni u postijiet li huma taħt pressjoni partikolari u li jistgħu jinħakmu minn dan.

Emenda 6

COM(2020) 610 final, Artikolu 6(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandu jkollhom ***fis-seħħ*** strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], ir-Regolament (UE) 2019/1896 (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.	L-Istati Membri għandu jkollhom ***l-għan li jfasslu*** strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell ***lokali, reġjonali u*** nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], ir-Regolament (UE) 2019/1896 56 (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom ***ikunu bbażati fuq kooperazzjoni f'diversi livelli bejn il-partijiet interessati rilevanti u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll is-soċjetà ċivili u għandhom*** jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.

Raġuni

Fil-fehma tal-KtR, obbligu li jiġu introdotti strateġiji nazzjonali jista' jqajjem problemi fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżura. Fl-istess ħin, l-aspett lokali u reġjonali għandu jiġi enfasizzat aktar, għaliex huwa f'dan il-livell li għandha ssir l-implimentazzjoni prattika tal-istrateġiji.

Emenda 7

COM(2020) 610 final, Artikolu 11(h)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Aġenzija tal-Ażil jipproċessaw id-data personali tal-applikant inkluż għall-iskambju ta' data dwaru għall-għan uniku li jimplimentaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw minn dan ir-Regolament;	li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Aġenzija tal-Ażil jipproċessaw id-data personali tal-applikant inkluż għall-iskambju ta' data dwaru għall-għan uniku li jimplimentaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw minn dan ir-Regolament ***u li tali data ma tiġix kkomunikata lill-pajjiż ta' oriġini***;

Raġuni

Għandu jkun hemm dispożizzjoni għal projbizzjoni fuq il-komunikazzjoni ta' data dwar l-applikanti lill-pajjiżi ta' oriġini, tali data għandha tkun soġġetta għall-aktar privatezza stretta.

Emenda 8

COM(2020) 610 final, Artikolu 12(6)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. Din it-taqsira tista' tkun jew f'għamla ta' rapport jew formola standard. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant jew il-konsulent legali jew konsulent ieħor li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess f'waqtu għat-taqsira.	L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. Din it-taqsira tista' tkun jew f'għamla ta' rapport jew formola standard ***abbażi ta' lista ta' kontroll.*** L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant jew il-konsulent legali jew konsulent ieħor li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess f'waqtu għat-taqsira.

Raġuni

Iċċarar tat-test.

Emenda 9

COM(2020) 610 final, Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Artikolu 21	
Dħul	
(1) Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn tliet snin wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.	
(2) Ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll meta l-applikant ikun ġie żbarkat fuq it-territorju wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ.	
(3) Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	

Raġuni

Fid-dawl tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà propost u r-responsabbiltà operattiva akbar tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fil-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, kif ukoll minħabba l-pożijiet li l-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-reġjuni tal-fruntiera se jiffaċċjaw bħala riżultat tal-proċeduri obbligatorji fuq il-fruntiera, m'għadx hemm ġustifikazzjoni biex ir-responsabbiltà għall-applikazzjoni għall-asil tiġi determinata abbażi tal-kriterju ta' dħul irregolari minn fruntiera esterna. Pjuttost, il-kriterju jaf ifixkel it-tqassim abbażi tas-solidarjetà. Barra minn hekk, l-assenjazzjoni tar-responsabbiltà lill-Istat Membru tad-dħul għall-persuni żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ x'aktarx tipperikola l-effettività ta' dawn l-operazzjonijiet, peress li fil-passat l-Istati Membri diġà rrifjutaw l-iżbarkamenti sabiex jaħarbu mir-responsabbiltà tagħhom. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' dħul irregolari li jiġu skoperti, it-tħassir tal-Artikolu 21 tal-proposta (dwar ir-responsabbiltà tal-Istat Membru tal-ewwel dħul) ma jbiddilx ir-responsabbiltà tal-Istat tal-fruntiera esterna. Dan minħabba li l-Artikolu 9(1) tal-Proposta jobbliga lil dawk li qed ifittxu protezzjoni biex japplikaw għall-protezzjoni fl-Istat tal-ewwel dħul. Skont l-Artikolu 8(2) tal-Proposta, dan l-Istat jibqa' responsabbli għall-proċedura tal-asil jekk ma japplika l-ebda kriterju ieħor biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-proċedura ta' protezzjoni. Madankollu, it-tħassir inaqqas il-piż minn fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali u jiffranka l-ispejjeż, peress li jiffranka piż amministrattiv bla bżonn. Anke f'dan l-istadju, it-tentattivi ta' ritorn ftit li xejn jistgħu jirnexxu jekk id-dħul irregolari ma jkunx jista' jiġi ppruvat fuq il-bażi tad-data tal-Eurodac. It-tħassir tal-Artikolu 21 tal-Proposta jelimina dan il-piż amministrattiv.

Emenda 10

COM(2020) 610 final, Artikolu 29(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant. Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien xahar minn meta tasal dik il-hit. Fejn it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant ma ssirx fi żmien il-perjodi stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, ir-responsabbiltà biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun tal-Istat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata l-applikazzjoni. Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-Istat Membru determinanti jista', fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.	Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant. Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien xahar minn meta tasal dik il-hit. Fejn it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant ma ssirx fi żmien il-perjodi stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, ir-responsabbiltà biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun tal-Istat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata l-applikazzjoni. Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-Istat Membru determinanti jista', ***wara li jkun sema' lill-minorenni kull fejn possibbli,*** fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Raġuni

Fil-kuntest tal-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, it-terminoloġija użata fl-Artikolu tidher li hija diskrezzjonali wisq u huwa preferibbli li jiġi previst, kull fejn possibbli, is-smigħ tal-minorenni mhux akkumpanjat.

Emenda 11

COM(2020) 610 final, Artikolu 55(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Fejn Stat Membru jimpenja ruħu li jipprovdi sponsorizzazzjoni tar-ritorn u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li huma soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa mill-Istat Membru benefiċjarju ma jirritornawx jew ma jitneħħewx fi żmien tmien xhur, l-Istat Membru li jipprovdi l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn għandu jittrasferixxi lill-persuni kkonċernati fit-territorju tiegħu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 57 u 58. Dan il-perjodu għandu jibda mill-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 53(1) jew, fejn applikabbli, fl-Artikolu 49(2).	Fejn Stat Membru jimpenja ruħu li jipprovdi sponsorizzazzjoni tar-ritorn u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li huma soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa mill-Istat Membru benefiċjarju ma jirritornawx jew ma jitneħħewx fi żmien tmien xhur, l-Istat Membru li jipprovdi l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn għandu jittrasferixxi lill-persuni kkonċernati fit-territorju tiegħu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 57 u 58***, wara li jikkonsulta dwar il-vijabbiltà tat-trasferiment mal-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali tat-territorju fejn għandu jseħħ dan it-trasferiment***. Dan il-perjodu għandu jibda mill-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 53(1) jew, fejn applikabbli, fl-Artikolu 49(2).

Raġuni

L-emenda proposta għandha tiżgura li l-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali li għandhom jakkomodaw lil dawk li jirritornaw taħt l-iskema ta' sponsorizzazzjoni jkunu jistgħu jippreparaw ruħhom bl-aħjar mod possibbli għal dan il-kompitu.

Emenda 12

COM(2020) 610 final, Artikolu 55(4)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin imwettqa mill-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni:	Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin imwettqa mill-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni***, fejn ikun adatt wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali kompetenti tal-Istat Membru benefiċjarju***:
a) jipprovdu konsulenza dwar ir-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;	a) jipprovdu konsulenza dwar ir-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;
b) jużaw il-programm nazzjonali u r-riżorsi biex jipprovdu assistenza loġistika, finanzjarja u materjali jew in natura oħra, inkluża l-integrazzjoni mill-ġdid, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li jkunu lesti jitilqu b'mod volontarju;	b) jużaw il-programm nazzjonali u r-riżorsi biex jipprovdu assistenza loġistika, finanzjarja u materjali jew in natura oħra, inkluża l-integrazzjoni mill-ġdid, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li jkunu lesti jitilqu b'mod volontarju;
c) imexxu jew jappoġġaw id-djalogu u l-iskambji politiċi mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi bil-għan li tiġi ffaċilitata r-riammissjoni;	c) imexxu jew jappoġġaw id-djalogu u l-iskambji politiċi mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi bil-għan li tiġi ffaċilitata r-riammissjoni;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
d) jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għall-finijiet tal-verifika tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar validu;	d) jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għall-finijiet tal-verifika tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar validu;
e) jorganizzaw f'isem l-Istat Membru benefiċjarju l-arranġamenti prattiċi għall-infurzar tar-ritorn, bħal titjiriet charter jew skedati jew mezzi oħra ta' trasport lejn il-pajjiż terz ta' ritorn.	e) jorganizzaw f'isem l-Istat Membru benefiċjarju l-arranġamenti prattiċi għall-infurzar tar-ritorn, bħal titjiriet charter jew skedati jew mezzi oħra ta' trasport lejn il-pajjiż terz ta' ritorn.
Dawn il-miżuri ma għandhomx jaffettwaw l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-Istat Membru benefiċjarju stabbiliti fid-Direttiva 2008/115/KE.	Dawn il-miżuri ma għandhomx jaffettwaw l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-Istat Membru benefiċjarju stabbiliti fid-Direttiva 2008/115/KE.

Raġuni

L-emenda proposta għandha tiżgura li l-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali, li jkunu jafu l-persuni ttrasferiti peress li jkunu laqgħuhom, ikunu involuti wkoll fil-miżuri ta' sponsorizzazzjoni tar-ritorn sabiex jiggarantixxu d-drittijiet ta' dawn il-persuni u t-trasferiment bla xkiel tar-responsabbiltà.

Emenda 13

COM(2020) 610 final, Artikolu 57(9)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
It-trasferiment tal-persuna kkonċernata mill-Istat Membru benefiċjarju lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru benefiċjarju, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis prattikament possibbli, u l-aktar tard fi żmien erba' ġimgħat mill-konferma mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3).	It-trasferiment tal-persuna kkonċernata mill-Istat Membru benefiċjarju lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru benefiċjarju, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis prattikament possibbli, u l-aktar tard fi żmien erba' ġimgħat mill-konferma mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3). ***Għandu jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali responsabbli għall-post maħsub għar-rilokazzjoni jiġu infurmati u kkonsultati fi stadju bikri.***

Raġuni

Sabiex l-akkoljenza tkun effettiva, l-awtoritajiet lokali u reġjonali kompetenti għandhom jiġu mgħarrfa u kkonsultati wkoll b'mod dirett sabiex ikunu jistgħu jippreparaw b'mod adatt għall-akkoljenza.

Emenda 14

COM(2020) 610 final, Artikolu 72

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. L-Artikolu 16 huwa mibdul b'dan li ġej:	1. L-Artikolu 16 huwa mibdul b'dan li ġej:
[…]	[…]
(2) Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jkunu eliġibbli wkoll għal ammont addizzjonali ta' EUR 10 000 għall-membri tal-familja ta' persuni li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, jekk il-persuni jiġu ammessi biex jiżguraw l-unità tal-familja.	(2) Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jkunu eliġibbli wkoll għal ammont addizzjonali ta' EUR 10 000 għall-membri tal-familja ta' persuni li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, jekk il-persuni jiġu ammessi biex jiżguraw l-unità tal-familja. ***B'mod partikolari, għandu jiġi żgurat li parti minn dan l-ammont jitħallas direttament lill-awtorità lokali jew reġjonali li fit-territorju tagħha jiġu ammessi l-persuni permezz ta' arranġamenti ta' risistemazzjoni jew ta' ammissjoni umanitarja.***
(2) L-Artikolu 17 huwa mibdul b'dan li ġej:	(2) L-Artikolu 17 huwa mibdul b'dan li ġej:
[…]	[…]
(7) Fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex taġġusta, jekk jitqies xieraq, l-ammonti li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu r-rati attwali tal-inflazzjoni, l-iżviluppi rilevanti fil-qasam tat-trasferiment tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru wieħed għal ieħor, kif ukoll fatturi li jistgħu jottimizzaw l-użu tal-inċentiv finanzjarju miġjub minn dawn l-ammonti."	(7) Fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex taġġusta, jekk jitqies xieraq, l-ammonti li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu r-rati attwali tal-inflazzjoni, l-iżviluppi rilevanti fil-qasam tat-trasferiment tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru wieħed għal ieħor, kif ukoll fatturi li jistgħu jottimizzaw l-użu tal-inċentiv finanzjarju miġjub minn dawn l-ammonti. ***B'mod partikolari, għandu jiġi żgurat li parti minn dan l-ammont jitħallas direttament lill-awtorità lokali jew reġjonali li fit-territorju tagħha jiġu ammessi l-persuni.***"

Raġuni

Iż-żidiet proposti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet lokali jew reġjonali kompetenti jirċievu l-appoġġ finanzjarju meħtieġ.

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE

Emenda 15

COM(2020) 611 final, punt (2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	(i) Il-premessa 10 hija sostitwita b'dan li ġej:
	(10) Ir-riżorsi tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għandhom ikunu mobilizzati biex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk l-Istati Membri li huma ffaċċati bi pressjonijiet speċifiċi jew sproporzjonati fuq is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkollhom ukoll riżorsi adegwati għad-dispożizzjoni tagħhom, inkluża l-possibbiltà ta' aċċess dirett għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. Jeħtieġ ukoll li l-UE talloka fondi speċifiċi biex tippermetti lir-reġjuni taħt pressjoni migratorja akbar, speċjalment dawk fil-fruntieri esterni tal-UE, biex ilaħħqu mal-akkoljenza u l-assistenza ta' minorenni mhux akkumpanjati li jaslu fit-territorji tagħhom.
Il-premessa 31 hija sostitwita b'dan li ġej:	***(ii)*** Il-premessa 31 hija sostitwita b'dan li ġej:
(31) Sabiex ikunu garantiti d-drittijiet tal-applikant, deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tingħata bil-miktub. Fejn id-deċiżjoni ma tagħtix protezzjoni internazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jingħata raġunijiet fil-fatt u fil-liġi, informazzjoni dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjoni u l-modalitajiet għall-kontestazzjoni tagħha.	"(31) Sabiex ikunu garantiti d-drittijiet tal-applikant, deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tingħata bil-miktub. Fejn id-deċiżjoni ma tagħtix protezzjoni internazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jingħata raġunijiet fil-fatt u fil-liġi, informazzjoni dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjoni u l-modalitajiet għall-kontestazzjoni tagħha.
(31a) Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri u biex jitnaqqas ir-riskju ta' ħarba u l-probabbiltà ta' movimenti mhux awtorizzati, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda vojt proċedurali bejn il-ħruġ ta' deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u ta' deċiżjoni tar-ritorn. Deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tinħareġ immedjatament lill-applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu miċħuda. Mingħajr preġudizzju għad-dritt għal rimedju effettiv, id-deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tkun jew parti mid-deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew, jekk tkun att separat, tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni negattiva."	(31a) Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri u biex jitnaqqas ir-riskju ta' ħarba u l-probabbiltà ta' movimenti mhux awtorizzati, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda vojt proċedurali bejn il-ħruġ ta' deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u ta' deċiżjoni tar-ritorn. Deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tinħareġ immedjatament lill-applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom jiġu miċħuda ***u l-Istat Membru ma jkunx iddeċieda li jagħti lill-persuna permess ta' residenza awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri d-dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, umanitarji jew għal raġunijiet oħra.*** Mingħajr preġudizzju għad-dritt għal rimedju effettiv, id-deċiżjoni tar-ritorn jenħtieġ li tkun jew parti mid-deċiżjoni negattiva dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew, jekk tkun att separat, tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni negattiva."

Raġuni

Din ir-rakkomandazzjoni ssaħħaħ l-istrutturi reġjonali u lokali u twieġeb għal talbiet preċedenti li saru mill-KtR f'dan il-qasam. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-UE talloka fondi speċifiċi għar-reġjuni bi pressjoni migratorja ogħla.

Emenda 16

COM(2020) 611 final, Punt 5, Premessa 40(h).

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Meta tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, ċerti dispożizzjonijiet tad-[id-Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn] jenħtieġ li japplikaw peress li dawn jirregolaw elementi tal-proċedura tar-ritorn li mhumiex determinati minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar id-definizzjonijiet, dispożizzjonijiet aktar favorevoli, non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa, ir-riskju ta' ħarba, l-obbligu ta' kooperazzjoni, il-perjodu għat-tluq volontarju, id-deċiżjoni tar-ritorn, it-tneħħija, il-posponiment tat-tneħħija, ir-ritorn u t-tneħħija ta' minorenni mhux akkumpanjati, projbizzjonijiet ta' dħul, salvagwardji sakemm jaslu lura, detenzjoni, kundizzjonijiet ta' detenzjoni***, detenzjoni ta' minuri u familji f'sitwazzjonijiet*** ta' emerġenza. Biex jitnaqqas ir-riskju ta' dħul u moviment mhux awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, jista' jingħata perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx il-15-il jum lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' konformità volontarja mal-obbligu tar-ritorn fi kwalunkwe mument.	Meta tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, ċerti dispożizzjonijiet tad-[id-Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn] jenħtieġ li japplikaw peress li dawn jirregolaw elementi tal-proċedura tar-ritorn li mhumiex determinati minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar id-definizzjonijiet, dispożizzjonijiet aktar favorevoli, non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa, ir-riskju ta' ħarba, l-obbligu ta' kooperazzjoni, il-perjodu għat-tluq volontarju, id-deċiżjoni tar-ritorn, it-tneħħija, il-posponiment tat-tneħħija, ir-ritorn u t-tneħħija ta' minorenni mhux akkumpanjati, projbizzjonijiet ta' dħul, salvagwardji sakemm jaslu lura, detenzjoni, kundizzjonijiet ta' detenzjoni ***u sitwazzjonijiet*** ta' emerġenza. Biex jitnaqqas ir-riskju ta' dħul u moviment mhux awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, jista' jingħata perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx il-15-il jum lil ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' konformità volontarja mal-obbligu tar-ritorn fi kwalunkwe mument.

Raġuni

Il-KtR huwa favur l-eliminazzjoni totali tad-detenzjoni tat-tfal.

Emenda 17

COM(2020) 611 final, Punt 13, Artikolu 35(a)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Iċ-ċaħda ta' applikazzjoni u l-ħruġ ta' deċiżjoni tar-ritorn Fejn applikazzjoni tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, bla bażi jew manifestament bla bażi fir-rigward kemm tal-istatus ta' rifuġjat u tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, jew tiġi irtirata impliċitament jew espliċitament, l-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni tar-ritorn li tirrispetta d-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew f'att separat. Fejn id-deċiżjoni tar-ritorn tinħareġ bħala att separat, din għandha tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali."	**Iċ-ċaħda ta' applikazzjoni u l-ħruġ ta' deċiżjoni tar-ritorn** Fejn applikazzjoni tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, bla bażi jew manifestament bla bażi fir-rigward kemm tal-istatus ta' rifuġjat u tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, jew tiġi irtirata impliċitament jew espliċitament, ***u l-Istat Membru ma jkunx iddeċieda li jagħti lill-persuna permess ta' residenza awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri d-dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, umanitarji jew għal raġunijiet oħra,*** l-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni tar-ritorn li tirrispetta d-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew f'att separat. Fejn id-deċiżjoni tar-ritorn tinħareġ bħala att separat, din għandha tinħareġ fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali."

Raġuni

Il-formulazzjoni tal-Proposta tal-Kummissjoni tipprojbixxi lill-Istati Membri milli jagħtu protezzjoni minħaba raġunijiet umanitarji jew raġunijiet familjari oħra għajr il-protezzjoni internazzjonali mingħajr ma jibdew proċedura ta' ritorn. Dan imur kontra l-Artikolu 3(2) tal-Proposta COM(2016) 466 final ("Regolament dwar Standards għall-Kwalifika"), li jiggarantixxi preċiżament dan id-dritt tal-Istati Membri ("Dan ir-Regolament ma japplikax għal status umanitarju ieħor maħruġ mill-Istati Membri skont il-liġi nazzjonali tagħhom għal dawk li ma jikkwalifikawx għal status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja"). Barra minn hekk, f'ċerti ċirkostanzi l-Istati Membri huma saħansitra obbligati li jagħtu protezzjoni; dan japplika, pereżempju, f'każijiet ta' riskji għas-saħħa, kif il-QĠUE għamlitha ċara fil-ġurisprudenza tagħha wara l-kawża M'Bodj. Minħabba l-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115/KE ("Direttiva dwar ir-Ritorn") dwar it-teħid ta' deċiżjoni ta' ritorn fil-każ ta' soġġorn illegali, din id-dispożizzjoni tidher li hija wkoll żejda. L-emenda proposta tikkorrispondi għall-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn.

Emenda 18

COM(2020) 611 final, Punt 14, Artikolu 40(1)(i)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:	L-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:
(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:	(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
"(i) l-applikant huwa ta' nazzjonalità jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali ta' pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar data tal-Eurostat annwali disponibbli għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas, sakemm ma jkunx hemm bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippublikata d-data rilevanti tal-Eurostat jew l-applikant ikun jappartjeni għal kategorija ta' persuni li għalihom il-proporzjon ta' 20 % jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom;"	"(i) ***abbażi tas-sejbiet ta' intervista inizjali, l-applikazzjoni tal-applikant tista' tiġi deċiża fuq bażi ta' każ b'każ u f'perjodu qasir ta' żmien, u jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda, ikun hemm prospett raġonevoli ta' ritorn rapidu lejn il-pajjiż tal-oriġini jew pajjiż terz li jaċċetta jospita lill-applikanti***;"
[…]	[…]

Raġuni

Ir-rabta ta' sanzjonijiet man-nazzjonalità, li tirriżulta mir-rabta ma' kwoti ta' protezzjoni, hija inkompatibbli mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni skont id-dritt internazzjonali u dak Ewropew jekk ma jkunx hemm ġustifikazzjoni fil-każ ikkonċernat. Il-KtR għalhekk jipproponi proċedura bbażata fuq il-possibbiltà ta' ripatrijazzjoni u l-probabbiltà ta' deċiżjoni rapida f'każijiet individwali, kif ilu jsir fil-proċedura Żvizzera tal-ażil sa mill-2019. Dan ifisser li jistgħu jittieħdu ferm aktar deċiżjonijiet f'perjodu qasir ta' żmien milli jkun il-każ ta' rabta mal-kwota ta' protezzjoni. Dan jgħin ukoll u l-aktar biex itaffi l-piż tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fiż-żoni tal-fruntiera. Dan il-mudell jippermetti wkoll deċiżjonijiet rapidi biex tingħata protezzjoni u b'hekk tkun tista' tiġi aċċellerata b'mod sinifikanti l-integrazzjoni ta' persuni evidentement vulnerabbli, pereżempju persuni bi drittijiet ta' protezzjoni internazzjonali li jiġu salvati minn sitwazzjonijiet ta' diffikultà fuq il-baħar.

Emenda 19

COM(2020) 611 final, Punt 14, Artikolu 40(5)(c)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
[…]	[…]
b) fil-paragrafu 5, jiżdied il-punt li ġej:	b) fil-paragrafu 5, jiżdied il-punt li ġej:
"(c) ***l-applikant huwa ta' nazzjonalità jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, eks-resident abitwali ta' pajjiż terz li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali huwa, skont l-aħħar data tal-Eurostat annwali disponibbli għall-Unjoni kollha, 20 % jew inqas, sakemm ma jkunx hemm bidla sinifikanti fil-pajjiż terz ikkonċernat minn meta tkun ġiet ippublikata d-data rilevanti tal-Eurostat jew l-applikant ikun jappartjeni għal kategorija ta' persuni li għalihom il-proporzjon ta' 20 % jew inqas ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom***;"	"(c) ***abbażi tas-sejbiet ta' intervista inizjali, l-applikazzjoni tal-applikant tista' tiġi deċiża fuq bażi ta' każ b'każ u f'perjodu qasir ta' żmien, u jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda, ikun hemm prospett raġonevoli ta' ritorn rapidu lejn il-pajjiż tal-oriġini jew pajjiż terz li jaċċetta jospita lill-applikanti***."

Raġuni

Ir-rabta ta' sanzjonijiet man-nazzjonalità, li tirriżulta mir-rabta ma' kwoti ta' protezzjoni, hija inkompatibbli mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni skont id-dritt internazzjonali u dak Ewropew jekk ma jkunx hemm ġustifikazzjoni fil-każ ikkonċernat. Il-KtR għalhekk jipproponi proċedura bbażata fuq il-possibbiltà ta' ripatrijazzjoni u l-probabbiltà ta' deċiżjoni rapida f'każijiet individwali, kif ilu jsir fil-proċedura Żvizzera tal-ażil sa mill-2019. Dan ifisser li jistgħu jittieħdu ferm aktar deċiżjonijiet f'perjodu qasir ta' żmien milli jkun il-każ ta' rabta mal-kwota ta' protezzjoni. Dan jgħin ukoll u l-aktar biex itaffi l-piż tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fiż-żoni tal-fruntiera. Dan il-mudell jippermetti wkoll deċiżjonijiet rapidi biex tingħata protezzjoni u b'ħekk tkun tista' tiġi aċċellerata b'mod sinifikanti l-integrazzjoni ta' persuni evidentement vulnerabbli, pereżempju persuni bi drittijiet ta' protezzjoni internazzjonali li jiġu salvati minn sitwazzjonijiet ta' diffikultà fuq il-baħar.

Emenda 20

COM(2020) 611 final, Punt 15, Artikolu 41(3)(i)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Stat Membru għandu jeżamina applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fejn japplikaw iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 40(1), il-punt ***(c),*** (f) jew (i).	Stat Membru għandu jeżamina applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fejn japplikaw iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 40(1), il-punt (f) jew (i)***, u fil-punt (c) biss fejn iċ-ċirkostanzi jindikaw li deċiżjoni rapida u ritorn jistgħu jkunu mistennija fil-każ individwali kkonċernat***.

Raġuni

Dan inaqqas il-piż tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tat-territorji li fihom ikunu jinsabu l-applikanti matul il-proċeduri fuq il-fruntiera.

Emenda 21

COM(2020) 611 final, Punt 15, Artikolu 41(5)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' tiġi applikata biss għal ***minorenni mhux akkumpanjati u għal*** minorenni ***taħt l-età ta' 12-il sena*** u l-membri tal-familja tagħhom fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(5)(b).	Il-proċedura fuq il-fruntiera tista' tiġi applikata biss għal minorenni u l-membri tal-familja tagħhom ***li jakkumpanjawhom*** fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(5)(b)***, jew f'każijiet meta jista' jkun mistenni li tingħata protezzjoni internazzjonali malajr wara eżami skont l-Artikolu 40(5)(c)***. ***Il-minorenni ma għandhomx jinżammu f'detenzjoni f'każ ta' proċeduri fuq il-fruntiera.***

Raġuni

Il-protezzjoni tal-minorenni skont id-dritt internazzjonali tapplika bl-istess mod għall-persuni kollha taħt it-18-il sena. Għalhekk, proċeduri speċjali għandhom jintużaw biss jekk dan ikun jew fl-interess tal-minorenni jew ikun iġġustifikat fuq bażi ta' każ b'każ għal raġunijiet serji skont it-tifsira tal-Artikolu 40(5)(b) tal-Proposta ("Periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru"). Id-detenzjoni ma għandhiex tkun possibbli għal raġunijiet proċedurali. Dan l-approċċ, li huwa bbażat fuq il-benesseri tal-minorenni u l-interessi tas-sigurtà tal-Istati Membri, jikkorrispondi għall-pożizzjonijiet preċedenti tal-KtR.

Emenda 22

COM(2020) 611 final, Punt 15, Artikolu 41(9)(b)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw jew għandhom jieqfu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera fi kwalunkwe stadju tal-proċedura fejn:	L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw jew għandhom jieqfu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera fi kwalunkwe stadju tal-proċedura fejn:
[…]	[…]
(b) l-appoġġ meħtieġ ***ma jistax*** jiġi pprovdut ***lill-applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali*** fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 14;	(b) ***l-applikanti għandhom bżonnijiet proċedurali speċjali; sakemm ma jkunx żgurat fuq bażi ta' każ b'każ li*** l-appoġġ meħtieġ ***jista'*** jiġi pprovdut fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 14;

Raġuni

L-individwi bi bżonnijiet proċedurali speċjali għandu jkollhom aċċess għall-miżuri ta' appoġġ rilevanti fuq bażi ta' każ b'każ, inkella jistgħu ma jiġux riferuti għal proċedura fuq il-fruntiera.

Emenda 23

COM(2020) 611 final, Punt 15, Artikolu 41(11)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien ***12-il*** ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1). B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien ***12-il*** ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.	Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun***, sabiex tittaffa l-pressjoni fuq ir-reġjuni tal-fruntiera,*** filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien ***8 ġimgħat*** minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat ***jidħol aktar 'il ġewwa*** fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1). B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien ***8 ġimgħat*** minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.

Raġuni

Il-perjodu ta' żmien ta' 20 ġimgħa huwa twil b'mod mhux raġonevoli, u jobbliga lill-applikanti jibqgħu f'żoni ta' tranżitu, u b'hekk ipoġġi piż sproporzjonat fuq ir-reġjuni tal-fruntiera. Fis-sentenza tagħha dwar iż-żona ta' tranżitu Ungeriża tal-14 ta' Mejju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) iddikjarat li l-proċeduri speċifiċi fil-fruntiera għandhom jitwettqu fi żmien raġonevoli u tiddikjara li diġà wara erba' ġimgħat, irid jingħata dħul għall-proċedura regolari. Peress li s-sitwazzjoni fiż-żona ta' tranżitu hija sitwazzjoni ta' ċaħda tal-libertà, il-proċeduri fuq il-fruntiera fiż-żoni ta' tranżitu jridu jitwettqu malajr. Perjodu ta' aktar minn tmien ġimgħat, li diġà jirdoppja l-limitu ta' żmien permess bħalissa skont l-Artikolu 43 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil (4 ġimgħat), probabbilment jitqies bħala mhux raġonevoli kemm mill-QĠUE kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Perjodu ta' tmien ġimgħat huwa biżżejjed biex titmexxa proċedura ta'ażil fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. Jekk il-proċedura tintemm b'deċiżjoni negattiva, huma previsti tmien ġimgħat addizzjonali għall-proċedura ta' ritorn. Jekk it-total tal-proċedura jibqa' għaddej għal aktar minn tliet xhur, ma jkunx probabbli li r-ritorn jista' jitwettaq malajr, kif previst għall-proċedura fuq il-fruntiera.

Emenda 24

COM(2020) 611 final, Punt 15, Artikolu 41(13)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3 u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.	Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3 u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. ***Din il-komunikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn rapport dwar il-konsultazzjoni tal-awtorità lokali u reġjonali kompetenti li fit-territorju tagħha għandhom jitwettqu dawn il-proċeduri.*** Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.

Raġuni

Meta jiġu ppjanati l-postijiet għall-implimentazzjoni tal-proċeduri fuq il-fruntiera, huwa importanti li jitqiesu b'mod adatt il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti.

Emenda 25

COM(2020) 611 final, Punt 15, Artikolu 41(14)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 14 tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ.	F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 14 tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu***, wara li jikkonsultaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti,*** jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ.

Raġuni

Meta jiġu ppjanati l-postijiet għall-implimentazzjoni tal-proċeduri fuq il-fruntiera, huwa importanti li jitqiesu b'mod adatt il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti.

Emenda 26

COM(2020) 611 final, Punt 16, Artikolu 41a (2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ***jinżammu*** għal perjodu ta' mhux aktar minn ***12-il*** ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu. Il-perjodu ta' ***12-il*** ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'.	Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ***jiġu akkomodati*** għal perjodu ta' mhux aktar minn ***8 ġimgħat*** f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista'***, wara li l-ewwel jikkonsulta lill-awtoritajiet lokali u reġjonali kompetenti,*** jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu. Il-perjodu ta' ***8 ġimgħat*** għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'.

Raġuni

Meta jiġu ppjanati l-postijiet għall-implimentazzjoni tal-proċeduri fuq il-fruntiera, huwa importanti li jitqiesu b'mod adatt il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti. Bl-istess mod, mhux aktar minn 8 ġimgħat għandhom ikunu disponibbli għat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn sabiex tittaffa l-pressjoni fuq ir-reġjuni tal-fruntiera. Fis-sentenza tagħha dwar iż-żona ta' tranżitu Ungeriża tal-14 ta' Mejju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) iddikjarat li l-proċeduri speċifiċi fil-fruntiera għandhom jitwettqu fi żmien raġonevoli u tiddikjara li diġà wara erba' ġimgħat, irid jingħata dħul għall-proċedura regolari. Peress li s-sitwazzjoni fiż-żona ta' tranżitu hija sitwazzjoni ta' ċaħda tal-libertà, il-proċeduri fuq il-fruntiera fiż-żoni ta' tranżitu jridu jitwettqu malajr. Perjodu ta' aktar minn tmien ġimgħat, li diġà jirdoppja l-limitu ta' żmien permess bħalissa skont l-Artikolu 43 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil (4 ġimgħat), probabbilment jitqies bħala mhux raġonevoli kemm mill-QĠUE kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Perjodu ta' tmien ġimgħat huwa biżżejjed biex titmexxa proċedura ta'ażil fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. Jekk il-proċedura tintemm b'deċiżjoni negattiva, huma previsti tmien ġimgħat addizzjonali għall-proċedura ta' ritorn. Jekk it-total tal-proċedura jibqa' għaddej għal aktar minn tliet xhur, ma jkunx probabbli li r-ritorn jista' jitwettaq malajr, kif previst għall-proċedura fuq il-fruntiera. Skont l-Artikolu 34 tal-proposta tal-2016 għal Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil, huwa previst li d-deċiżjonijiet dwar l-ammissibilità u dwar l-użu tal-ftehimiet ta' pajjiżi terzi għandhom jittieħdu fi żmien xahar. Perjodu ta' aktar minn xahrejn għal deċiżjoni fil-proċedura fuq il-fruntiera għalhekk ma jkunx raġonevoli minn perspettiva legali. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi previst perjodu qasir peress li huwa aktar probabbli li r-ritorni jseħħu wara proċedura rapida bi żminijiet ta' stennija minimi. Barra minn hekk, jeħtieġ li t-terminoloġija tkun konsistenti fil-proposta kollha, u termini ambigwi li jistgħu jinvokaw detenzjoni de facto bħal "jinżammu" għandhom jiġu evitati u sostitwiti b'formulazzjoni legalment preċiża bħal "akkomodati", f'konformità mad-Direttiva riveduta dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 27

COM(2020) 611 final, Punt 18, Artikolu 53(9)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal livell wieħed biss ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.	***Fir-rigward*** ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rimedju f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Għal appelli, il-limiti ta' żmien previsti fid-dritt nazzjonali japplikaw f'konformità ma-l-Artikolu 55. L-applikanti għandhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju matul il-perjodu tal-appell u sakemm joħroġ ir-riżultat tiegħu skont l-Artikolu 54.***

Raġuni

Il-limitazzjoni riġida għal livell wieħed biss ta' appell u l-iskadenza stretta għall-proċeduri fuq il-fruntiera jinterferixxu mal-kompetenzi tal-Istati Membri li huma proċeduralment awtonomi fir-rigward tal-għoti ta' rimedju legali fil-kuntest tal-proċeduri fuq il-fruntiera. Madankollu, huma marbuta li jirrispettaw l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, li tistipula li r-regoli dwar ir-rimedji legali għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u mal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività. Dan ifisser li mhumiex permessi diskriminazzjoni kontra persuni oħra li jfittxu l-ażil u trattament mhux ugwali fir-rigward ta' proċedimenti komparabbli oħra tal-qorti amministrattiva. L-emenda proposta tiżgura konformità ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet. Bl-istess mod, id-dewmien li fih għandha tingħata risposta għal appell ma jistax jiġi stabbilit b'mod uniformi fil-livell tal-UE u għalhekk huwa aħjar li dan jintrabat mad-dispożizzjonijiet tad-dritt amministrattiv nazzjonali.

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817

Emenda 28

COM(2020) 612 final, Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-iskrinjar jenħtieġ li jitwettaq fil-fruntiera esterna jew qrib tagħha***, qabel ma l-persuni kkonċernati jkunu awtorizzati jidħlu fit-territorju***. L-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw miżuri skont id-dritt nazzjonali biex jipprevjenu lill-persuni kkonċernati milli ***jidħlu*** fit-territorju matul l-iskrinjar. F'każijiet individwali, fejn meħtieġ, dawn jistgħu jinkludu detenzjoni, soġġetta għal-liġi nazzjonali li tirregola dik il-kwistjoni.	L-iskrinjar jenħtieġ li jitwettaq fil-fruntiera esterna jew qrib tagħha. L-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw miżuri skont id-dritt nazzjonali biex jipprevjenu lill-persuni kkonċernati milli ***jidħlu iktar 'il ġewwa*** fit-territorju matul l-iskrinjar. F'każijiet individwali, fejn meħtieġ, ***ħlief għal każijiet li jinvolvu minorenni,*** dawn jistgħu jinkludu detenzjoni għajr tal-minorenni, soġġetta għal-liġi nazzjonali li tirregola dik il-kwistjoni. ***Jekk bħala riżultat tal-proċedura ta' skrinjar, jiġi miċħud moviment ulterjuri, għandu japplika l-Artikolu 14 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.***

Raġuni

Id-dritt internazzjonali jipprekludi ċ-ċaħda tal-libertà tat-tfal għal raġunijiet amministrattivi u skont il-QĠUE, il-minorenni ma jistgħux jiġu ttrattati sistematikament bħala adulti fil-kuntest tal-migrazzjoni. Ir-rifjut ta' moviment ulterjuri wara l-iskrinjar għandu jkun kompletament sostanzjat, f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Emenda 29

COM(2020) 612 final, Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri jenħtieġ li jiddeterminaw il-postijiet xierqa għall-iskrinjar ***fil-fruntiera esterna jew qrib tagħha*** b'kunsiderazzjoni tal-ġeografija u l-infrastrutturi eżistenti, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda kif ukoll dawk li jippreżentaw ruħhom f'punt ta' qsim tal-fruntiera jkunu jistgħu jiġu soġġetti malajr għall-iskrinjar. Il-kompiti relatati mal-iskrinjar jistgħu jitwettqu f'żoni hotspot kif imsemmi fil-punt (23) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23].	L-Istati Membri jenħtieġ li jiddeterminaw il-postijiet xierqa għall-iskrinjar b'kunsiderazzjoni ***tal-opinjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti,*** tal-ġeografija u l-infrastrutturi eżistenti, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda kif ukoll dawk li jippreżentaw ruħhom f'punt ta' qsim tal-fruntiera jkunu jistgħu jiġu soġġetti malajr għall-iskrinjar. Il-kompiti relatati mal-iskrinjar jistgħu jitwettqu f'żoni hotspot kif imsemmi fil-punt (23) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23].

Raġuni

L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħżlu l-postijiet adatti skont iċ-ċirkostanzi u l-possibbiltajiet nazzjonali tagħhom. B'mod partikolari, għandhom ikunu jistgħu jqisu l-piż partikolari fuq ir-reġjuni fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom permezz ta' għażliet ta' deċentralizzazzjoni. Huwa importanti li l-bżonnijiet tal-awtoritajiet lokali jew reġjonali rilevanti jitqiesu b'mod adatt meta jiġu ppjanati l-postijiet għall-iskrinjar.

Emenda 30

COM(2020) 612 final, Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn — skont lil min jiġi rriferut l-individwu. Fil-każ preċedenti, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jindikaw ukoll kwalunkwe element li jidher li jista' jkun rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġx li jissottomettu l-applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.	Sa tmiem l-iskrinjar, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jimlew formola ta' debriefing. Il-formola jenħtieġ li tiġi trażmessa lill-awtoritajiet li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew lill-awtoritajiet kompetenti għar-ritorn — skont lil min jiġi rriferut l-individwu***, kif ukoll, jekk ikun meħtieġ, lill-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà skont il-liġi nazzjonali, u/jew lill-awtoritajiet responsabbli għal persuni vulnerabbli, bħall-minorenni mhux akkumpanjati jew in-nisa li jivvjaġġaw waħedhom.*** Fil-każ preċedenti, l-awtoritajiet responsabbli għall-iskrinjar jenħtieġ li jindikaw ukoll kwalunkwe element***, b'mod partikolari ħtiġijiet ta' protezzjoni speċjali possibbli,*** li jidher li jista' jkun rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġx li jissottomettu l-applikazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.

Raġuni

F'każ ta' ħassib ġustifikat dwar is-saħħa jew is-sigurtà għandu jsir trasferiment lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Anki jekk tkun prevista l-parteċipazzjoni ta' dawn l-awtoritajiet fl-iskrinjar, għandu jkun żgurat ukoll li dawn l-awtoritajiet jirċievu l-informazzjoni rilevanti kollha. L-istess japplika għal każijiet li fihom jiġu identifikati bżonnijiet ta' protezzjoni speċjali waqt l-iskrinjar jekk, skont il-liġi nazzjonali, awtorità oħra għajr dik imsemmija tkun responsabbli għal dan, bħalma huwa regolarment il-każ fir-rigward tat-tfal, iżda possibilment ukoll fir-rigward ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u gruppi oħra. B'mod partikolari, huwa importanti li jitfakkru dawk il-gruppi li huma l-aktar vulnerabbli u li jistgħu jiġu abbużati matul il-proċess tal-migrazzjoni, bħall-minorenni mhux akkumpanjati jew in-nisa waħedhom.

Emenda 31

COM(2020) 612 final, Artikolu 3(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Artikou 3	*Artikou 3*
Skrinjar fil-fruntiera esterna	**Skrinjar fil-fruntiera esterna**
1. Dan ir-Regolament għandu japplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li:	1. Dan ir-Regolament għandu japplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li:

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
a) jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013 għal raġunijiet għajr l-età tagħhom, jew	a) jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013 għal raġunijiet għajr l-età tagħhom, jew
b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat Membru wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ.	b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat Membru wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ.
L-iskrinjar għandu japplika għal dawk il-persuni irrispettivament minn jekk ikunux applikaw għall-protezzjoni internazzjonali.	L-iskrinjar għandu japplika għal dawk il-persuni ***li jiġu eżaminati mill-awtorità responsabbli għar-rifjut tad-dħul skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2016/399 ("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen") skont il-liġi nazzjonali,*** irrispettivament minn jekk ikunux applikaw għall-protezzjoni internazzjonali.

Raġuni

Il-proċess ta' skrinjar huwa pass ieħor fil-proċessi ta' ġestjoni tal-migrazzjoni li diġà jieħdu ħafna ħin għal bosta Stati Membri fil-fruntieri esterni. Sabiex jiġi evitat li dan jirrikjedi proċedura separata, li tiġġenera xogħol addizzjonali konsiderevoli, speċjalment għall-Istati tal-fruntiera esterna, il-Kumitat tar-Reġjuni jissuġġerixxi li din il-proċedura tiġi integrata fil-kontrolli tal-fruntiera u li l-awtoritajiet nazzjonali rispettivi responsabbli għar-rifjut tad-dħul skont l-Artikolu 14 (2)(2) tar-Regolament (UE) 2016/399 ("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen") jiġu inkarigati bl-iskrinjar ta' każijiet ta' dħul li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tad-dħul fil-fruntiera esterna. Permezz ta' din l-integrazzjoni fil-proċess ta' kontroll tal-fruntiera u l-kompiti tal-awtoritajiet tal-fruntiera jiġi żgurat aħjar li l-iskrinjar jista' jissodisfa l-funzjoni mixtieqa, jiġifieri li l-persuni maqbuda jkunu soġġetti għall-proċeduri adatti fl-aktar żmien kmieni possibbli u li dawn il-proċeduri jkunu jistgħu jinbdew mingħajr dewmien jew interruzzjoni. Peress li jistgħu jitqiesu tliet approċċi ta' azzjoni possibbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi koperti bl-Artikolu 3 (rifjut ta' dħul, trażmissjoni lill-awtoritajiet responsabbli għall-proċedura ta' ritorn, trażmissjoni lill-awtoritajiet tal-asil jew lill-Istat Membru responsabbli għall-proċedura tal-asil abbażi ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà), li waħda minnhom hija r-refoulement skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399 ("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"), din l-assenjazzjoni tal-iskrinjar tiżgura proċedura uniformi u rabta bejn l-iskrinjar u r-rifjut possibbli tad-dħul, li tissemplifika b'mod konsiderevoli l-implimentazzjoni effiċjenti tal-proċedura. Barra minn hekk, ir-riżultat tal-iskrinjar jista' mbagħad jiġi inkluż fid-deċiżjoni dwar ir-rifjut tad-dħul mingħajr aktar passi intermedji.

Emenda 32

COM(2020) 612 final, Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Skrinjar fit-territorju L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat.	Skrinjar fit-territorju L-Istati Membri għandhom japplikaw l-iskrinjar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinstabu fit-territorju tagħhom fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni li jkunu qasmu fruntiera esterna biex daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod awtorizzat. ***Sabiex tittaffa l-pressjoni fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu evitati duplikazzjonijiet ta' partijiet tal-funzjonijiet tal-iskrinjar, bħal fil-każ ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.***

Raġuni

L-iskrinjar għandu jsir separatament biss jekk ikun meħtieġ. Meta ssir applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, xi funzjonijiet ta' skrinjar (identifikazzjoni, ħtiġijiet ta' protezzjoni speċjali) huma inklużi fl-obbligi skont il-Eurodac u d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u l-iskrinjar jenħtieġ li jkun parti minn dawn il-proċeduri.

Emenda 33

COM(2020) 612 final, Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Artikolu 6	*Artikolu 6*
Rekwiżiti li jikkonċernaw l-iskrinjar	**Rekwiżiti li jikkonċernaw l-iskrinjar**
(1) Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq f'postijiet ***li jinsabu fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom***.	(1) Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq f'postijiet ***adatti fl-Istat Membru rilevanti. Dawn il-postijiet għandhom jiġu ddeterminati wara konsultazzjoni mal-awtorità lokali jew reġjonali rilevanti.***
(2) Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5, l-iskrinjar għandu jitwettaq fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru.	(2) Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5, l-iskrinjar għandu jitwettaq fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru. ***Dawn il-postijiet għandhom jiġu ddeterminati wara konsultazzjoni mal-awtorità lokali jew reġjonali rilevanti.***
(3) Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jeħtieġ li jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali.	(3) Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jeħtieġ li jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali.
Fir-rigward tal-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1)(a) li għalihom japplikaw l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013, fejn jibqgħu fiżikament fil-fruntiera esterna għal aktar minn 72 siegħa, il-perjodu għall-iskrinjar għandu jitnaqqas għal jumejn.	Fir-rigward tal-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1)(a) li għalihom japplikaw l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013, fejn jibqgħu fiżikament fil-fruntiera esterna għal aktar minn 72 siegħa, il-perjodu għall-iskrinjar għandu jitnaqqas għal jumejn. ***Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi żgurat li titwettaq valutazzjoni adegwata ta' kull każ sabiex tiġi evitata implimentazzjoni diskriminatorja tal-proċedura.***

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(4) L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 3. Huma għandhom ukoll jgħarrfu lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-estensjoni tal-perjodu ta' skrinjar ma jkunux għadhom jeżistu.	(4) L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 3. Huma għandhom ukoll jgħarrfu lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-estensjoni tal-perjodu ta' skrinjar ma jkunux għadhom jeżistu.
(5) L-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien tlitt ijiem mill-qbid.	(5) L-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien tlitt ijiem mill-qbid.
(6) L-iskrinjar għandu jinkludi l-elementi obbligatorji li ġejjin:	(6) L-iskrinjar għandu jinkludi l-elementi obbligatorji li ġejjin:
a) verifika preliminari tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 9;	a) verifika preliminari tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 9;
b) identifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10;	b) identifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10;
c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika fil-bażijiet tad-data xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14(6), sa fejn din tkun għadha ma seħħitx;	c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika fil-bażijiet tad-data xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14(6), sa fejn din tkun għadha ma seħħitx;
d) verifika tas-sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 11;	d) verifika tas-sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 11;
e) mili ta' formola ta' debriefing kif imsemmi fl-Artikolu 13;	e) mili ta' formola ta' debriefing kif imsemmi fl-Artikolu 13;
f) riferiment għall-proċedura xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14.	f) riferiment għall-proċedura xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14.
(7) L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu l-iskrinjar.	(7) L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu l-iskrinjar ***f'konformità mal-Artikoli 3 u 5***.
L-Istati Membri għandhom jaħtru persunal mediku kwalifikat biex iwettaq il-verifika tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll, fejn xieraq.	L-Istati Membri għandhom jaħtru persunal mediku kwalifikat biex iwettaq il-verifika tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll, fejn xieraq.
L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali u timijiet ta' kollegament mibgħuta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] fil-limiti tal-mandati tagħhom.	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali u timijiet ta' kollegament mibgħuta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] fil-limiti tal-mandati tagħhom.

Raġuni

L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħżlu l-postijiet adatti skont iċ-ċirkostanzi u l-possibbiltajiet nazzjonali tagħhom. B'mod partikolari, għandhom ikunu jistgħu jqisu l-piż partikolari fuq ir-reġjuni fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom permezz ta' għażliet ta' deċentralizzazzjoni. Meta jiġu ppjanati l-postijiet għall-implimentazzjoni tal-iskrinjar, huwa importanti li jitqiesu b'mod adatt il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti.

Il-proċedura m'għandhiex titwettaq b'mod diskriminatorju. L-għażla tal-awtoritajiet kompetenti għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet proposti fl-Artikoli 3 u 5 sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-responsabbiltajiet.

Emenda 34

COM(2020) 612 final, Artikolu 9(3)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jirċievi appoġġ f'waqtu u adegwat fid-dawl tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu. Fil-każ tal-minorenni, għandu jingħata appoġġ minn persunal imħarreġ u kkwalifikat biex jittratta l-minorenni, u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal.	Fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jirċievi appoġġ f'waqtu u adegwat fid-dawl tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu ***permezz ta' servizzi ta' pariri speċjalizzati kkwalifikati jew l-awtoritajiet responsabbli, filwaqt li tiġi żgurata wkoll id-disponibbiltà ta' professjonisti adegwati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti gruppi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, bħal nisa tqal, vittmi ta' vjolenza minħabba l-ġeneru jew ta' vjolenza sesswali u persuni LGBTIQ.*** Fil-każ tal-minorenni, għandu jingħata appoġġ minn persunal imħarreġ u kkwalifikat biex jittratta l-minorenni, u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal. ***Għal dan il-għan, il-preżenza ta' minorenni għandha tiġi rrapportata immedjatament lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal. L-iskrinjar ma għandux isir fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati, dawn għandhom jintbagħtu immedjatament lill-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal. Jekk ikun hemm indikazzjonijiet ta' ħassib serju dwar is-sigurtà skont it-tifsira tal-Artikolu 40(5)(b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu infurmati wkoll.***

Raġuni

Jekk jiġu identifikati bżonnijiet ta' protezzjoni speċjali, għandu jingħata appoġġ minn ċentri ta' pariri speċjalizzati jew mill-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni ta' dawn il-persuni sabiex jiġi ggarantit appoġġ professjonali fil-pront. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-preżenza tal-minorenni tiġi rrapportata immedjatament lill-awtoritajiet responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal. Jekk il-persuni ma jkunux akkumpanjati u jkunu minorenni, dawn għandhom jintbagħtu lill-awtoritajiet responsabbli sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri protettivi u ta' appoġġ previsti skont il-liġi internazzjonali, Ewropea u nazzjonali u, b'mod partikolari, ikun jista' jinħatar gwardjan jew superviżur. Fl-istess ħin, il-persuni LGBTIQ jeħtieġu protezzjoni minħabba li jirrappreżentaw il-grupp finali ta' migranti li huma l-aktar vulnerabbli. Bħalissa dawn qed jaslu fl-Ewropa f'numri kbar, iżda m'għandniex sistemi ta' protezzjoni reali għalihom.

Emenda 35

COM(2020) 612 final, Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Artikolu 14	*Artikolu 14*
Riżultat tal-iskrinjar	**Riżultat tal-iskrinjar**
[…]	[…]

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(2) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil], flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. F'dik l-okkażjoni, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar għandhom jindikaw fil-formola ta' debriefing kwalunkwe element li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, ikun ***jidher li huwa rilevanti biex iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċedura ta' eżami aċċellerata jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.	(2) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil], flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. F'dik l-okkażjoni, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar għandhom jindikaw fil-formola ta' debriefing kwalunkwe element li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, ***ikun favur jew kontra l-fatt li ċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċedura ta' eżami aċċellerata jew għall-proċedura fuq il-fruntiera. ***B'mod partikolari, għandhom jiġu indikati sejbiet jew suspetti rigward ħtiġijiet ta' protezzjoni speċjali, b'mod partikolari fil-każ tal-minorenni mhux akkumpanjati.***
[…]	[…]
(7) Meta ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 5 jiġu rriferuti għal proċedura xierqa rigward l-asil jew ir-ritorn, l-iskrinjar jintemm. Meta ma jkunux tlestew il-kontrolli kollha sad-dati ta' skadenza msemmija fl-Artikolu 6(3) u (5), l-iskrinjar għandu madankollu jintemm fir-rigward ta' dik il-persuna, li għandha tiġi rriferuta għal proċedura rilevanti.	(7) ***Fejn ikun adatt, l-awtoritajiet responsabbli għall-ħarsien tas-saħħa, tas-sigurtà u l-ħarsien ta' gruppi speċjali għandhom jiġu infurmati, u l-persuni kkonċernati għandhom jintbagħtu lil dawn l-awtoritajiet jekk dan ikun previst fil-liġi nazzjonali.***
	(8) Meta ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 5 jiġu rriferuti għal proċedura xierqa rigward l-asil jew ir-ritorn, l-iskrinjar jintemm. Meta ma jkunux tlestew il-kontrolli kollha sad-dati ta' skadenza msemmija fl-Artikolu 6(3) u (5), l-iskrinjar għandu madankollu jintemm fir-rigward ta' dik il-persuna, li għandha tiġi rriferuta għal proċedura rilevanti.

Raġuni

Sabiex jiġi żgurat li persuni vulnerabbli ma jiġux trasferiti għall-proċedura fuq il-fruntiera jew proċedura aċċellerata, li f'dawn il-każijiet tista' titwettaq biss jekk ikun hemm diffikultajiet legali u prattiċi konsiderevoli, għandu jkun ċar li dawn il-persuni jintbagħtu lill-awtoritajiet tal-asil qabel ma dawn l-awtoritajiet jiddeċiedu dwar it-tip ta' proċedura. B'mod partikolari f'każijiet ta' ħassib dwar is-saħħa u s-sigurtà, it-trażmissjoni ma għandhiex tkun possibbli biss lill-awtoritajiet tal-asil jew lill-awtoritajiet responsabbli għall-proċedura ta' ritorn. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom iżommu l-possibbiltà li jipprevedu responsabbiltajiet speċifiċi li jikkonċernaw ċerti gruppi vulnerabbli. B'mod partikolari, huwa essenzjali li jitqiesu l-miżuri speċjali ta' protezzjoni meħtieġa minn minorenni barranin mhux akkumpanjati.

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil

Emenda 36

COM(2020) 613 final, Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni.	Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni. ***B'mod partikolari, il-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jiġu rilokati fl-Istati Membri responsabbli għalihom malajr kemm jista' jkun jew fil-bqija tat-territorju tal-UE jekk dawk il-minorenni jkollhom membri tal-familja fi Stati Membri oħra tal-UE.***

Raġuni

Il-KtR ilu żmien twil jippromovi titjib fl-aċċess għad-drittijiet tal-minorenni mhux akkumpanjati u dan jirriżulta mill-ħtieġa (legali) li tingħata prijorità lill-aħjar interessi tat-tfal. Jeħtieġ li l-UE tgħin biex il-minorenni mhux akkumpanjati jiġu rilokati fi Stati Membri oħra jekk ikollhom membri tal-familja fihom, sabiex tittaffa l-pressjoni fuq ir-reġjuni tal-fruntiera u fl-ispirtu ta' solidarjetà u responsabbiltà kondiviża li l-Patt il-ġdid għandu jippromovi.

Emenda 37

COM(2020) 613 final, Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà meħtieġa meta jiffaċċjaw influss kbir ta' migranti li jesprimu l-intenzjoni li japplikaw għall-asil, l-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera, stabbilita mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil] jenħtieġ li titwessa', u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-asil jenħtieġ li tippermetti lill-Istati Membri ***jieħdu deċiżjoni fil-qafas ta' proċedura fuq il-fruntiera wkoll fuq il-merti ta' applikazzjoni f'każijiet fejn l-applikant ikun ta' nazzjonalità, jew fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, resident abitwali preċedenti ta' pajjiż terz, li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet li tingħata protezzjoni internazzjonali mal-Unjoni kollha huwa ta' 75 % jew anqas. B'riżultat ta' dan, fl-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera tal-kriżi, l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera kif previst mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil] iżda jistgħu jestendu l-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera għal ċittadini li jiġu minn pajjiżi terzi fejn ir-rata medja ta' rikonoxximent mal-UE kollha hija ogħla minn 20 % iżda anqas minn 75 %.***	Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà meħtieġa meta jiffaċċjaw influss kbir ta' migranti li jesprimu l-intenzjoni li japplikaw għall-asil, l-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera, stabbilita mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil] jenħtieġ li titwessa', u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-asil jenħtieġ li tippermetti lill-Istati Membri***, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, japplikaw il-proċedura regolari tal-asil sabiex itaffu l-impatt fuq ir-reġjuni tal-fruntiera taħt pressjoni ta' migrazzjoni.***

Raġuni

F'sitwazzjonijiet diffiċili, il-proċeduri fuq il-fruntiera jitfgħu piż żejjed fuq ir-reġjuni tal-fruntiera. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jneħħu l-proċeduri fuq il-fruntiera f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni biex jiġġestixxu l-wasliet b'mod effiċjenti, filwaqt li jipproċessaw il-proċeduri tal-ażil f'postijiet mhux tal-fruntiera fit-territorju tagħhom.

Emenda 38

COM(2020) 613 final, Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
F'sitwazzjoni ta' kriżi, fid-dawl tal-pressjoni possibbli fuq is-sistema tal-ażil, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li ma jawtorizzawx ***id-dħul*** fit-territorju tagħhom ta' applikanti soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għal perjodu ta' żmien itwal minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 41 (11) u (13) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil]. Madankollu, il-proċeduri jenħtieġ li jitlestew kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ il-perjodi ta' żmien jenħtieġ li jiġu estiżi biss b'perjodu addizzjonali li ma jaqbiżx it-tmien ġimgħat; ***jekk dawk il-proċeduri ma jkunux jistgħu jitlestew sal-iskadenza ta' dak il-perjodu mtawwal, l-applikanti jenħtieġ li jkunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru għall-finijiet li titlesta l-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali***.	F'sitwazzjoni ta' kriżi, fid-dawl tal-pressjoni possibbli fuq is-sistema tal-ażil, ***iżda filwaqt li titqies il-pressjoni fuq ir-reġjuni milquta minn din il-kriżi,*** l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li ma jawtorizzawx ***moviment ulterjuri*** fit-territorju tagħhom ta' applikanti soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għal perjodu ta' żmien itwal minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 41(11) u (13) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil]. Madankollu, il-proċeduri jenħtieġ li jitlestew kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ il-perjodi ta' żmien jenħtieġ li jiġu estiżi biss b'perjodu addizzjonali li ma jaqbiżx it-tmien ġimgħat***. Jekk il-proċeduri ma jkunux jistgħu jitlestew sal-iskadenza ta' dak il-perjodu mtawwal, l-applikanti huma awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru għall-finijiet li titlesta l-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali.***

Raġuni

L-estensjoni ta' proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tiġi implimentata mingħajr ma l-ewwel jiġi kkunsidrat l-impatt fuq ir-reġjuni.

Emenda 39

COM(2020) 613 final, Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
F'sitwazzjoni ta' kriżi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula minn persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, fejn huma jiffaċċjaw livell għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat. F'każ bħal dan, dawk il-persuni jenħtieġ li jingħataw status ta' protezzjoni immedjata. L-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu bl-eżami tal-applikazzjoni tagħhom sa mhux aktar tard minn sena mis-sospensjoni tagħha.	F'sitwazzjoni ta' kriżi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula minn persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, fejn huma jiffaċċjaw livell għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat. F'każ bħal dan, dawk il-persuni jenħtieġ li jingħataw status ta' protezzjoni immedjata. ***F'sitwazzjoni ta' kriżi, l-Istat Membru għandu jkollu wkoll id-diskrezzjoni li jagħti status ta' protezzjoni immedjata lit-tfal u lill-persuni partikolarment vulnerabbli kif ukoll lil gruppi oħra ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni immedjata, jekk dan ikun previst mil-liġi nazzjonali.*** L-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu bl-eżami tal-applikazzjoni tagħhom sa mhux aktar tard minn sena mis-sospensjoni tagħha.

Raġuni

F'sitwazzjonijiet koperti mir-Regolament dwar il-Kriżi, it-tfal u l-persuni bi bżonnijiet speċjali ta' protezzjoni jeħtieġu livell minimu ta' sigurtà tas-soġġorn. F'konformità mas-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jħallu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu fit-territorju tagħhom għal raġunijiet oħra, kif stipulat mil-liġijiet nazzjonali.

Emenda 40

COM(2020) 613 final, Artikolu 1(2)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Artikolu 1	*Artikolu 1*
Suġġett	**Suġġett**
[…]	[…]
(2) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sitwazzjoni ta' kriżi għandha tinftiehem bħala:	(2) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sitwazzjoni ta' kriżi għandha tinftiehem bħala:
a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew	a) sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru jew li jkunu daħlu fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ, li jkun ta' tali skala, meta mqabbel mal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istat Membru kkonċernat, u natura, li jagħmel is-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali ***fil-livell lokali, reġjonali u/jew nazzjonal***i u jista' jkollu konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], jew
b) riskju imminenti ta' tali sitwazzjoni.	b) riskju imminenti ta' tali sitwazzjoni.

Raġuni

Il-pożijiet ikkawżati minn għadd kbir ta' wasliet u applikazzjonijiet huma spiss ta' natura reġjonali u jiddependu b'mod partikolari mir-rotot tal-ivvjaġġar (u tad-dħul). Funzjonament ħażin fil-livell lokali jew reġjonali għandu jkun definit ukoll bħala sitwazzjoni ta' kriżi jekk ikollu l-istess konsegwenzi għall-persuni kkonċernati, sabiex jiġi enfasizzat li, f'termini perċentwali, is-sistema tal-ażil ta' Stat Membru xorta waħda tista' tiffunzjona fil-livell nazzjonali b'mod ġenerali, iżda jista' jkun hemm postijiet u reġjuni fejn dan mhuwiex il-każ u li dan in-nuqqas ta' funzjonalità jista' jikkawża problemi kbar fil-livell lokali fir-rigward tal-provvista ta' servizzi jew meta dawn ma jibqgħux jiffunzjonaw.

Emenda 41

COM(2020) 613 final, Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), u skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta' applikazzjonijiet magħmula fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu, jidderogaw mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] kif ġej:	(1) F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), u skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta' applikazzjonijiet magħmula fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu, jidderogaw mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] kif ġej:
(a) B'deroga mill-Artikolu 41(2)(b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-Istati Membri ***jistgħu fi proċedura fuq il-fruntiera jieħdu deċiżjonijiet dwar il-merti ta' applikazzjoni f'każijiet fejn l-applikant ikun ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz, jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, qabel kien resident abitwali ta' pajjiż terz, li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali jkun, skont l-aħħar data annwali disponibbli tal-Eurostat mal-UE kollha, 75 % jew anqas, minbarra l-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil];***	a) B'deroga mill-Artikolu 41(2)(b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-Istati Membri, ***f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jistgħu ma jimplimentawx proċedura fuq il-fruntiera.***
(b) B'deroga mill-Artikolu 41(11) u (13) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], it-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu jista' jittawwal b'perjodu addizzjonali ta' massimu ta' ***tmien*** ġimgħat. Wara dan il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru għat-tlestija tal-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali.	(b) B'deroga mill-Artikolu 41(11) u (13) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], it-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu jista' jittawwal b'perjodu addizzjonali ta' massimu ta' ***sitt*** ġimgħat. Wara dan il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru għat-tlestija tal-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali.

Raġuni

F'sitwazzjoni ta' kriżi, l-applikazzjoni ta' proċedura fuq il-fruntiera tista' twassal għal piż żejjed fuq ir-reġjuni tal-fruntiera. B'koordinazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri għalhekk għandu jkollhom il-possibbiltà li ma japplikawx il-proċedura fuq il-fruntiera sabiex jiġġestixxu l-wasliet b'mod aktar effiċjenti. Għandu jkun possibbli li l-proċedura fuq il-fruntiera tiġi estiża biss b'sitt ġimgħat sabiex ma jkunx hemm sitwazzjoni ta' piż żejjed (addizzjonali) fuq il-fruntiera.

Emenda 42

COM(2020) 613 final, Artikolu 10(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Artikolu 10	*Artikolu 10*
Għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata	**Għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata**
1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a), u abbażi ta' att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jissospendu l-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] fir-rigward ta' persuni spustati minn pajjiżi terzi li jkunu qed jiffaċċjaw grad għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat, u li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jagħtu status ta' protezzjoni immedjata lill-persuni kkonċernati, sakemm ma jirrappreżentawx periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru. Dan l-istatus għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni kontinwa tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru rilevanti.	1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a), u abbażi ta' att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jissospendu l-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] fir-rigward ta' persuni spustati minn pajjiżi terzi li jkunu qed jiffaċċjaw grad għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat, u li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jagħtu status ta' protezzjoni immedjata lill-persuni kkonċernati, sakemm ma jirrappreżentawx periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru. ***F'sitwazzjoni ta' kriżi, l-Istat Membru għandu jkollu wkoll id-diskrezzjoni li jagħti status ta' protezzjoni immedjata lit-tfal u lill-persuni partikolarment vulnerabbli, u gruppi oħra ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni immedjata, jekk dan ikun previst fil-liġi nazzjonali.*** Dan l-istatus għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni kontinwa tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru rilevanti.

Raġuni

F'sitwazzjonijiet koperti mir-Regolament dwar il-Kriżi, it-tfal u l-persuni bi bżonnijiet speċjali ta' protezzjoni jeħtieġu livell minimu ta' sigurtà tas-soġġorn. F'konformità mas-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jħallu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu fit-territorju tagħhom għal raġunijiet oħra, kif stipulat mil-liġijiet nazzjonali.

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulat) u li temenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818

Emenda 43

COM(2020) 614 final, Punt 14, Artikolu 10(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Kull Stat Membru għandu jieħu d-data bijometrika ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas ***sitt snin*** waqt l-iskrinjar kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar l-Iskrinjar] jew, meta d-data bijometrika ma setgħetx tittieħed waqt l-iskrinjar jew meta l-applikant ma kienx soġġett għal skrinjar, mar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara t-teħid tad-data bijometrika, jittrażmettihom flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (p) ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 4(2).	Kull Stat Membru għandu jieħu d-data bijometrika ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu tal-inqas ***tnax-il sena*** waqt l-iskrinjar kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar l-Iskrinjar] jew, meta d-data bijometrika ma setgħetx tittieħed waqt l-iskrinjar jew meta l-applikant ma kienx soġġett għal skrinjar, mar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara t-teħid tad-data bijometrika, jittrażmettihom flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (p) ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 4(2).
Meta l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar] ikun japplika u l-persuna tapplika għal protezzjoni internazzjonali waqt l-iskrinjar, fil-każ ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali ta' mill-inqas ***sitt snin***, kull Stat Membru għandu juża d-data bijometrika meħuda waqt l-iskrinjar u jittrażmettiha flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (p) ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 4(2), mhux aktar tard minn 72 siegħa mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/ XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].	Meta l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar] ikun japplika u l-persuna tapplika għal protezzjoni internazzjonali waqt l-iskrinjar, fil-każ ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali ta' mill-inqas ***tnax-il sena*** , kull Stat Membru għandu juża d-data bijometrika meħuda waqt l-iskrinjar u jittrażmettiha flimkien mad-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (p) ta' dan ir-Regolament lis-Sistema Ċentrali u lis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 4(2), mhux aktar tard minn 72 siegħa mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/ XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].
In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa ma għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jittrażmettu d-data bijometrika lis-CIR. Meta l-kundizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' fi kwalità li tiżgura tqabbil xieraq taħt l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħdu l-marki tas-swaba' tal-applikant u jibgħathom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu reġgħu ttieħdu b'suċċess.	In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa ma għandux jeżonera lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jittrażmettu d-data bijometrika lis-CIR. Meta l-kundizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' fi kwalità li tiżgura tqabbil xieraq taħt l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħdu l-marki tas-swaba' tal-applikant u jibgħathom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu reġgħu ttieħdu b'suċċess.

Raġuni

Il-Kodiċi dwar il-Viżi jitlob li l-applikanti għall-viża jitteħdulhom il-marki tas-swaba' mill-età ta' 12-il sena; l-istess japplika għal tfal li jidħlu fl-UE għal soġġorn qasir taħt is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES). L-allinjament tal-limitu tal-età tal-Eurodac ma' dak tal-Kodiċi dwar il-Viżi u l-EES jiżgura l-koerenza u l-affidabbiltà tad-data fil-perjodu medju/twil ta' żmien.

Emenda 44

COM(2020) 614 final, Punt 17, Artikolu 13(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront id-data bijometrika ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkollhom tal-inqas ***sitt snin***, li jinqabdu mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera ta' dak l-Istat Membru wara li jkunu ġew minn pajjiż terz u li ma jintbagħtux lura fih jew li baqgħu fiżikament fit-territorju tal-Istati Membri u li ma nżammewx f'kustodja, reklużjoni jew detenzjoni waqt il-perjodu sħiħ bejn il-qbid u t-tneħħija fuq il-bażi tad-deċiżjoni li jintbagħtu lura.	Kull Stat Membru għandu jieħu fil-pront id-data bijometrika ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkollhom tal-inqas ***tnax-il sena***, li jinqabdu mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera ta' dak l-Istat Membru wara li jkunu ġew minn pajjiż terz u li ma jintbagħtux lura fih jew li baqgħu fiżikament fit-territorju tal-Istati Membri u li ma nżammewx f'kustodja, reklużjoni jew detenzjoni waqt il-perjodu sħiħ bejn il-qbid u t-tneħħija fuq il-bażi tad-deċiżjoni li jintbagħtu lura.

Raġuni

Il-Kodiċi dwar il-Viżi jitlob li l-applikanti għall-viża jitteħdulhom il-marki tas-swaba' mill-età ta' 12-il sena; l-istess japplika għal tfal li jidħlu fl-UE għal soġġorn qasir taħt is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES). L-allinjament tal-limitu tal-età tal-Eurodac ma' dak tal-Kodiċi dwar il-Viżi u l-EES jiżgura l-koerenza u l-affidabbiltà tad-data fil-perjodu medju/twil ta' żmien.

Emenda 45

COM(2020) 614 final, Punt 18, Artikolu 14(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Kull Stat Membru għandu immedjatament jieħu d-data bijometrika ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ta' mill-anqas ***sitt snin*** li tkun illegalment fit-territorju tiegħu.	Kull Stat Membru għandu immedjatament jieħu d-data bijometrika ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ta' mill-anqas ***tnax-il sena*** li tkun illegalment fit-territorju tiegħu.

Raġuni

Il-Kodiċi dwar il-Viżi jitlob li l-applikanti għall-viża jitteħdulhom il-marki tas-swaba' mill-età ta' 12-il sena; l-istess japplika għal tfal li jidħlu fl-UE għal soġġorn qasir taħt is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES). L-allinjament tal-limitu tal-età tal-Eurodac ma' dak tal-Kodiċi dwar il-Viżi u l-EES jiżgura l-koerenza u l-affidabbiltà tad-data fil-perjodu medju/twil ta' żmien.

Emenda 46

COM(2020) 614 final, Punt 19, Artikolu 14a(1)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Kull Stat Membru għandu minnufih jieħu d-data bijometrika ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ta' mill-inqas ***sitt snin*** li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, kif iddefinit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	Kull Stat Membru għandu minnufih jieħu d-data bijometrika ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ta' mill-inqas ***tnax-il sena*** li jiġu żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, kif iddefinit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

Raġuni

Il-Kodiċi dwar il-Viżi jitlob li l-applikanti għall-viża jitteħdulhom il-marki tas-swaba' mill-età ta' 12-il sena; l-istess japplika għal tfal li jidħlu fl-UE għal soġġorn qasir taħt is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES). L-allinjament tal-limitu tal-età tal-Eurodac ma' dak tal-Kodiċi dwar il-Viżi u l-EES jiżgura l-koerenza u l-affidabbiltà tad-data fil-perjodu medju/twil ta' żmien.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li permezz tiegħu hija qed tfittex li tegħleb l-imblokk ta' ħames snin bejn l-Istati Membri biex tiġi stabbilita sistema komuni ta' ażil u migrazzjoni; jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni li tiżviluppa sistema komprensiva għall-ġestjoni fit-tul tal-migrazzjoni, inkluża l-migrazzjoni tar-rifuġjati, ibbażata fuq il-valuri Ewropej, b'mod partikolari l-valuri tas-solidarjetà u d-dinjità, kif ukoll fuq id-dritt tal-UE u dak internazzjonali ([1]);

2. jinsab imħasseb li d-dimensjoni lokali u reġjonali ma tqisitx biżżejjed fil-proposti preżentati fil-qafas tal-Patt il-ġdid u li l-Istati tal-fruntiera esterna tal-UE għandhom jerġgħu jkunu primarjament responsabbli għall-wasla u r-reġistrazzjoni. F'dan il-kuntest huwa jikkritika ż-żamma tal-kriterju tal-ewwel dħul; jitlob, għaldaqstant, fi spirtu ta' solidarjetà ġenwina, li l-persuni li jfittxu l-ażil jitqassmu malajr u b'mod ġust fi Stati Membri oħra u biex l-Aġenzija l-ġdida tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-atturi tas-soċjetà ċivili jkunu involuti aktar mill-qrib, bil-għan li jkun hemm kooperazzjoni f'diversi livelli li tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti mis-settur pubbliku u dak privat;

3. itenni, għalhekk, it-talba tiegħu biex tinstab soluzzjoni fit-tul u b'konformità mad-dritt internazzjonali u dak tal-Unjoni għall-isfidi b'rabta mad-dħul irregolari u l-akkoljenza ta' persuni li jfittxu protezzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-prinċipju ta' non-refoulement jiġi rrispettat u li l-interessi ta' persuni vulnerabbli jitqiesu fid-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet kollha. Għal dan il-għan, il-KtR jipproponi li r-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u l-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil iqisu l-aħjar prattiki eżistenti ta' distribuzzjoni territorjali volontarja fil-livell reġjonali, li japplikaw fattur ewlieni abbażi ta' data dwar il-popolazzjoni, il-qgħad u l-introjtu ([2]);

4. jinnota li ma setgħetx tiġi implimentata kwota fissa għad-distribuzzjoni madwar l-Unjoni tal-persuni li jfittxu l-ażil; jilqa', madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni li jiġi introdott mekkaniżmu ta' solidarjetà li fih għandhom jipparteċipaw l-Istati Membri kollha, iżda li jagħtihom għażla ħielsa bejn tipi differenti ta' kontribuzzjonijiet; jirrimarka li biex dan il-mekkaniżmu jaħdem, hemm bżonn li jinstab bilanċ bejn il-postijiet disponibbli għall-ospitar tar-rifuġjati u forom oħra ta' kontribuzzjonijiet; Għalhekk huwa kruċjali li jkun żgurat li n-numru ta' Stati Membri li jospitaw rifuġjati jkun proporzjonat man-numru ta' Stati Membri li jagħżlu tip ieħor ta' kontribuzzjoni, u mal-proporzjon ta' applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-ażil ma' dawk li għandhom jiġu rritornati;

([1]) Dikjarazzjoni tal-Bureau tal-KtR dwar is-sitwazzjoni tal-migranti f'Moria (COR-2020-02499, punt 9).

([2]) Dan huwa l-każ tal-proposta "SHARE" — inizjattiva mmexxija mill-Gvern Bask u appoġġjata minn diversi gvernijiet reġjonali — li tfittex li tippromovi s-solidarjetà u l-koresponsabbiltà fl-akkoljenza tar-rifuġjati u ta' dawk li jfittxu l-ażil, bl-applikazzjoni ta' skema ta' distribuzzjoni territorjali abbażi tat-tliet parametri ewlenin imsemmijin hawn fuq.

5. fid-dawl tal-kumplessità tal-proċedura proposta, madankollu, huwa xettiku dwar jekk is-sistema ta' "sponsorizzazzjonijiet tar-ritorn" tistax tiġi implimentata fil-prattika. F'dan il-kuntest, huwa jipproponi l-introduzzjoni ta' sistema ta' inċentivi u sanzjonijiet ekonomiċi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà;

6. jenfasizza l-importanza tal-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt (pereżempju aċċess liberu għal pariri indipendenti u rappreżentanza legali kif ukoll għall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR)), li japplikaw ukoll fil-fruntieri esterni tal-Ewropa. Dan japplika b'mod partikolari għall-proċeduri proposti fuq il-fruntiera, li huma konformi mal-valuri Ewropej u l-istat tad-dritt u għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità; fir-rigward tal-proċeduri fuq il-fruntiera għandu jintgħażel mudell differenti mill-mudell marbut mal-kwota ta' protezzjoni. Il-proċeduri l-ġodda fuq il-fruntiera għandhom jiggarantixxu wkoll dawn l-istandards fil-prattika;

7. jissuġġerixxi li l-koleġiżlaturi jivverifikaw li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 53 u 54 tal-Proposta għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil huma kompatibbli mal-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar il-protezzjoni legali effettiva u dwar il-ħtieġa li jiġu rispettati prinċipji oħra tad-dritt Ewropew u tal-istat tad-dritt meta titfassal il-protezzjoni legali fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

8. jappella biex il-proċedura proposta ta' skrinjar titwettaq b'tali mod li tippermetti identifikazzjoni effettiva ta' "vulnerabbiltajiet partikolari" fi stadju bikri. Dan jinkludi l-identifikazzjoni u t-trattament adatt tal-kategoriji ta' nies imsemmija fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u l-Proposta għal Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil;

9. jirrimarka li t-tul massimu ta' ħamest ijiem previst għal dan l-iskrinjar f'ħafna każijiet mhux se jkun biżżejjed biex jiġu identifikati b'mod effettiv il-persuni vulnerabbli; fir-reġjuni tal-fruntiera, jeħtieġ li jiġu allokati aktar riżorsi biex jiġi żgurat li l-proċeduri jitwettqu b'mod adatt, li jkun hemm identifikazzjoni adatta tal-ħtiġijiet speċjali u biex jiġu evitati prattiki diskriminatorji bħat-tfassil ta' profili razzjali;

10. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati duplikazzjonijiet fil-proċedura ta' skrinjar u li tiżdied l-effikaċja tagħha;

11. jirrimarka li l-ġestjoni effettiva tal-kriżijiet tibda partikolarment fil-livell lokali u reġjonali u li l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandha għalhekk tkun prijorità ewlenija;

12. jissuġġerixxi li l-protezzjoni immedjata f'sitwazzjonijiet ta' kriżi ma għandhiex tingħata biss, għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri, lil rifuġjati li jkunu ħarbu minn kunflitti armati, iżda wkoll lil gruppi vulnerabbli oħra, partikolarment tfal u vittmi tat-tortura u ta' trawma, kif ukoll vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, li s-sinjali tagħhom mhux dejjem ikunu jistgħu jiġu identifikati viżibbilment;

13. ifakkar fil-ħtieġa li jkun hemm konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-prinċipji ġenerali tal-ipproċessar tad-data, u jistieden lill-koleġiżlaturi jqisu b'mod adatt ir-riżervi magħmula mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, b'mod partikolari fir-rigward tal-proposti għal Regolament dwar l-iskrinjar u r-Regolament tal-Eurodac;

14. jipproponi li jiġi stabbilit limitu ta' età għall-ġbir ta' data bijometrika fi ħdan il-qafas tal-Eurodac ta' 12-il sena sabiex jiġi allinjat mar-rekwiżiti tal-età tal-Kodiċi dwar il-Viżi u s-sistema ta' Dħul/Ħruġ. Il-ħażna ta' data bijometrika dejjem tmur id f'id mar-riskji relatati mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data. Għalhekk huwa rakkomandat li jiġi żgurat li d-data ta' persuni li jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jifhmu l-problema inkwistjoni ma tinżammx għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi;

15. jilqa' x-xewqa tal-Kummissjoni li toħloq perkorsi sikuri għall-ammissjoni fl-Ewropa. Dawn jirrappreżentaw kontribut Ewropew addizzjonali għall-protezzjoni internazzjonali tar-rifuġjati iżda ma jistgħux jissostitwixxu l-proċeduri individwali tal-asil;

16. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw programmi ta' risistemazzjoni, jistabbilixxu programmi addizzjonali ta' akkoljenza umanitarja, bħall-programmi ta' sponsorizzazzjoni komunitarja, u jħeġġu r-reklutaġġ ta' ħaddiema kkwalifikati u b'talent minn pajjiżi terzi;

17. jenfasizza li bosta awtoritajiet lokali u reġjonali fl-UE kollha huma lesti li jkollhom rwol attiv fl-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' migranti vulnerabbli u jiġbed l-attenzjoni għall-potenzjal tal-inizjattiva tal-KtR "Il-Bliet u r-Reġjuni għall-Integrazzjoni"; jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea tqis il-prattiki tajbin fir-reġjuni u l-bliet dwar l-integrazzjoni sabiex jiġi promoss l-użu tagħhom fi bnadi oħra, jitħeġġeġ il-holqien ta' inizjattivi ġodda u jsir kontribut fil-ħolqien ta' diskors pubbliku aktar kostruttiv dwar id-dritt għall-asil u l-migrazzjoni;

18. jappella li jiġu stabbiliti u żviluppati politiki effettivi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, l-UE teħtieġ tiżviluppa strateġija ġdida biex tappoġġja l-iżvilupp sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi terzi, speċjalment pajjiżi fl-Afrika, billi jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u tiġi promossa d-demokrazija f'dawn il-pajjiżi, b'inizjattivi relatati mas-saħħa, il-produzzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ, il-bini ta' infrastruttura u progress ekonomiku sostenibbli u demokratiku li jagħmluha possibbli għall-popolazzjonijiet tagħhom li ma jemigrawx;

19. jesprimi l-aspettattiva tiegħu li l-offerti volontarji ta' akkoljenza ta' persuni vulnerabbli, li jsiru fil-livell lokali u reġjonali u fil-qafas tal-Patt Ewropew Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, jirċievu aktar attenzjoni minn qabel;

20. jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027 bħala suppliment meħtieġ għall-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u l-fatt li fih jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali; jistenna bil-ħerqa l-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Integrazzjoni miftiehma bejnu u l-Kummissjoni Ewropea;

21. jemmen li l-miżuri fir-rigward tat-tluq u l-wasla huma marbuta b'mod inseparabbli mal-iżvilupp effettiv tar-rotot ta' migrazzjoni legali, sabiex il-Pjan ta' Azzjoni jkun jista' jissodisfa l-isforzi tiegħu biex ikopri b'suċċess il-fażijiet differenti kollha tal-proċess ta' integrazzjoni;

22. jenfasizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, inkluż fil-livell makroreġjonali, ikollhom aċċess aktar faċli u ċar għall-finanzjament tal-UE fir-rigward tal-integrazzjoni u l-inklużjoni;

23. jenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni dwar l-integrazzjoni u l-migrazzjoni permezz ta' fatti u ċifri konkreti sabiex jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni, il-preġudizzju, ir-razziżmu u l-ksenofobija. Għal dan il-għan jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex fir-rapport annwali tagħha ta' prospettiva strateġika tinkludi r-riżultati tal-Barometru Reġjonali u Lokali Annwali tal-UE fi ħdan il-KtR, li huwa għodda bbażata fuq l-evidenza biex, fost affarijiet oħra, tixħet dawl fuq l-effetti tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni fuq il-bliet u r-reġjuni; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tappella għal komunikazzjoni u kampanji ta' informazzjoni dwar il-kontenut umanista indirizzati lis-soċjetajiet ospitanti, fejn tiġi spjegata l-ħtieġa għal attenzjoni u ġestjoni adatti tal-movimenti migratorji;

24. jappoġġja bil-qawwa l-għan tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u li tiddiswadi lill-migranti milli jagħmlu vjaġġi li jipperikolaw il-ħajja. Jinsisti għal dan il-għan fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-aġenziji Ewropej u li jiġi rivedut il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jiċċara wkoll ir-rwol tal-operazzjonijiet privati ta' salvataġġ fuq il-baħar. Huwa importanti li jiġi evitat li l-konformità mal-obbligi legali (bħall-obbligu ta' salvataġġ fuq il-baħar) issir reat kriminali. Mil-lat tal-KtR, il-kooperazzjoni fis-salvataġġ tal-baħar għandha tkun ikkoordinata fil-livell Ewropew u żviluppata fi sħubija u rispett reċiproku bejn atturi statali u mhux statali;

25. jappella sabiex tingħata attenzjoni speċjali lill-vittmi potenzjali tat-traffikar (nisa, żgħażagħ, tfal), u jenfasizza l-importanza tal-identifikazzjoni sew tagħhom, peress li huwa f'dan l-istadju — f'każ li l-valutazzjoni ma ssirx sew — li l-persuni ttraffikati jistgħu jiġu mċaħħda mid-drittijiet tal-bniedem tagħhom jew, fi kwalunkwe każ, minn serje ta' protezzjonijiet li għandhom jingħataw bħala riżultat tal-ksur li huma vittmi tiegħu; iqis li huwa essenzjali, f'dan ir-rigward, li jkun hemm koordinazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, flimkien ma' ħidma bejn diversi aġenziji — li hija essenzjali fil-proċess ta' detezzjoni, identifikazzjoni bikrija u assistenza inizjali għall-vittmi mmirat lejn l-inklużjoni u l-integrazzjoni sħiħa tagħhom — sabiex jiġu evitati r-riskji ta' sfruttament serju ta' persuni vulnerabbli, li huma vittmi potenzjali tat-traffikar; isostni li, sabiex tiġi żgurata akkoljenza adegwata biex jiġu sodisfati l-ħtiġijiet individwali tal-vittmi tat-traffikar, il-proċedura għall-kura tagħhom għandha titwettaq abbażi ta' pjani individwali bil-għan li jiġu rispettati l-identità, l-aspettattivi u l-kapaċitajiet u l-prerogattivi individwali tagħhom; jenfasizza li x-xogħol ta' diversi aġenziji, li fil-qalba tiegħu huwa l-awtonomizzazzjoni tal-vittmi, huwa essenzjali sabiex tinkiseb l-integrazzjoni soċjali tagħhom qabel l-awtonomija sħiħa;

26. jemmen li l-għanijiet tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, b'mod partikolari s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u approċċ komprensiv li jiġbor flimkien miżuri fl-oqsma tal-migrazzjoni, l-asil, l-integrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, jistgħu jintlaħqu biss mill-Istati Membri jekk jaġixxu flimkien taħt il-qafas tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u meta jiġu rikonoxxuti aħjar l-interessi u l-kapaċitajiet tagħhom ilkoll fil-mekkaniżmu ta' solidarjetà; jikkonferma li l-proposti taħt il-Patt jikkonformaw mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) peress li l-objettivi tal-azzjoni proposta — riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil — ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minħabba l-iskala u l-effetti ta' din l-azzjoni jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-UE u li l-azzjoni proposta tipprovdi benefiċċju ċar meta mqabbla mal-azzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali; jirrimarka wkoll li l-prinċipju tal-proporzjonalità jeħtieġ li jiġi rrispettat.

Brussell, id-19 ta' Marzu 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni